MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014
Numru. 1122/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**SHARON MALLIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Sharon Mallia, bint Alfred u Vincenza xebba Galea, imwielda Pieta' fi 06.11.1979, residenti Nru.175, Triq Isourd, Marsa u detentrici tal-Karta tal-Identita' numru 525479 M.

1. Giet akkuzata talli fi xahar ta' Lulju 2013 gewwa stabiliment bl-isem Avenue gewwa Paceville fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, laqghat ghandha, jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom (apparat eletroniku cioe' IPad) u li sar ghad-detriment ta' Noella Borg detentrici ta karta ta Identita: 04887 G u/jew persuni ohra;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. CC4 u nnutat li l-imputata Sharon Mallia m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Sharon Mallia, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputata Sharon Mallia taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Sharon Mallia l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------